MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 58/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jason Zammit**

Kaz Numru: 58/2013

Illum 03 ta’ Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jason Zammit**, bin Vincent u Rita neé Spiteri, imwieled fid-29 ta’ April 1974, residenti fil-fond Jassyl, Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 10174(G), akkuzat talli nhar it-13 ta’ Jannar

2013 ghall-habta ta' 16:55hrs fi Triq Ramon Perellos, Ghajnsielem, Ghawdex:

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAV-151 ta' ghamla Mercedes minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni;

2. saq l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata biex tintuza fit-triq mill-awtorita' kompetenti

3. u aktar talli naqas li jipprovdi l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura IAV 151 fi zmien stipulat bil-ligi meta ordnat biex jaghmel dan mill-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti u mismugha jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a), 3(2A), 8(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Euro (€ 2700.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------